**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43 – IL-ĦAMIS 17 TA' FRAR 2022**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**43.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

43.1.1 Ittra elettronika mibgħuta mill-Kunsillier Emanuel Zammit fejn talab biex jiskuża ruħu minħabba mpenji ta' xogħol. Is-seduta laqgħet it-talba tal-Kunsillieri Zammit unanimament u kien skużat.

**43.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

43.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (42) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

43.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 43.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

43.3.1 Ma kienx hemm.

## 43.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

42.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab biex issir sospensjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi l-items fuq l-agenda bin-numru 43.9, 43.10, 43.11, u 43.12 peress li kien preżenti l-Accountant tal-Kunsill biex jiġu ppreżentati r-Rapporti Finanzjarji. *Nem con*.

42.4.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report li kien ikopri l-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2021.

42.4.3 L-Accountant ippreżenta l-Quarterly Financial Report li jikkonsisti f'dan li ġej: '*Overview and Summary', Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant, and Equipment*.

42.4.4 L-Accountant spjega fid-dettal ir-rapport għas-sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti. Bħal ma jidher f'dan ir-Rapport Finanzjarju, l-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddi l-Gvern fil-bidu tas-sena kienet tlaħħaq iċ-ċifra ta' Eur298,688. Dħul ieħor li ġġenera l-Kunsill matul dan il-perjodu kien ta' Eur23,004 mill-ħruġ tal-permessi. F'din is-sena, il-Kunsill irreġistra l-akbar dħul mill-permessi li jirrigwardaw depożitu ta' makkinarju, depożitu ta' materjal tal-bini u oġġetti oħra fit-triq, depożitu ta' Skips Industrijali u permessi oħra relatati.

Spjega wkoll il-ħruġ (expenditure) tal-Kunsill li kienu jinkludu l-Personal Emoluments li ċ-ċifra telgħet għal Eur97k, Operations & Maintenance spiża ta' Eur204,837, Administration costs l-ispiża kienet Eur57,976 filwaqt li rrimarka li ċ-ċifra ta' Eur9,742 kienet spiża dwar 'Incidental expenses', spiża li l-Kunsill kien konxju tal-materji legali li kienu għaddejjin però ma setax jantiċipa għal spejjeż legali. Irrimarka wkoll dwar id-deprezzament li laħħaq iċ-ċifra ta' Eur38k. Rigward il-Profit & Loss għas-sena 2021, il-Kunsill kellu jispiċċa b'defiċit ta' Eur(8,055). Dan id-defiċit joħroġ mid-dħul li kien jammonta għal Eur390,432 filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur398,487 fejn ħarġet id-differenza ta' Eur(8,055).

L-Accountant irrimarka wkoll li l-proġett taħt il-miżura 4.4 ġie konkluż matul din is-sena fejn jirriżulta li l-ispiża fuq dan il-proġett kienet tlaħħaq iċ-ċifra ta' Eur138,906. Receivables kellu jirċievi Eur32k, Cash & Cash Equivalents Eur190,910 filwaqt li l-Payables kienu jammontaw għal Eur52,980.

L-Accountant ikkonkluda li l-qagħda finanzjara tal-Kunsill baqgħet waħda b'saħħitha kif kien rifless mill-*Financial Situation Indicator* li laħħaq 57% li huwa tajjeb ħafna. Dan joħroġ mill-Statement of Financial Position meta taħdem il-matematika bejn il-Current Assets less Current Liabilities biex toħroġ il-working capital li f'dan il-każ kien ta' Eur170,147.

42.4.5 Wara li spjega r-Rapport Finanzjarju fid-dettal, is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

42.4.6 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex jikkunsidraw u japprovaw il-*Quarterly Financial Report* għal dan l-aħħar kwart tas-sena.

42.4.6 Il-Kunsill approva l-QFR *nem con*.

## 43.5 MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità u ittieħdu bħala moqrija.

43.5.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

43.5.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

**43.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI 2022.**

43.6.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2022.

43.6.2 L-Accountant informa li l-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddi l-Gvern fil-bidu tas-sena kienet ta' Eur312,687. Dħul ieħor qed ikun maħsub mill-ħruġ tal-permessi u dħul ieħor mill-kumpannija WasteServ Malta mill-*organic waste*.

Bħala ħruġ, l-Accountant ħadem fuq l-ispejjeż li ser ikollu l-Kunsill fejn jidħlu l-Personal Emoluments li skont il-*workings* tas-Segretarju Eżekuttiv ilaħħqu Eur99k, *Operations & Maintenance* ilaħħqu Eur195k, *Administrative Expenditure* ilaħħaq l-ispiża ta' Eur60,332, u l-ispejjeż kapitali fuq numru ta' proġetti se jkunu qed ilaħħqu l-ispiża ta' Eur85k. Sintendi il-Kunsill ħadem il-kalkoli tiegħu wara li nġiebu kwotazzjonijiet u ġew ippreparati BoQs mill-Perit tal-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista jipproġetta aħjar l-estimi finanzjarji u t-twettiq ta' proġetti.

L-Accountant ikkonkluda li jekk il-Kunsill iżomm ma' dawn l-estimi finanzjarji u jwettaq il-proġetti indikati hawn fuq, il-Kunsill ikun kapaċi jżomm il-Financial Situation Indicator f'persentaġġ ta' 53% dment li jibqa maċ-ċifri indikati fl-estimi finanzjarji. B'dan ikun ifisser li l-*working capital* jibqa wieħed tajjeb.

43.6.3 Is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar il-proġetti proposti mill-Kunsill li huma ppjanati biex jitwettqu skont il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill. Tkellem dwar xogħlijiet ta' rinnovar fis-Sala tal-Kunsill, titjib infrastrutturali fi Sqaq in-Namur, manutenzjoni u modifikazzjoni ta' bankina fi Triq Ġużè Muscat Azzopardi, u titjib u tisbieħ tal-playing field fi Pjazza Ninu Cremona.

43.6.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet wara li ġie ppreżentat l-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Ma kienx hemm.

## 43.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISTQARRIJIET FINANZJARJI GĦAS-SENA 2021.

43.7.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited Financial Statements għas-sena 2021.

43.7.2 L-Accountant ippreżenta f'aktar dettal l-unaudited Financial Statements fejn ta spjegazzjoni ta' dawn l-Istqarrijiet Finanzjarji li jinkludu *Statements of Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of changes in Equity, Statement of cash flows, Notes to the Financial Statements, & Report of the Independent Local Government Auditor to the Auditor General.*

43.7.3 L-Accountant irraporta operating loss ta' Eur(8,055) kif spjega aktar 'il fuq meta kien ippreżentat l-Quarterly Financial Report. B'kuntrarju għas-sena 2020 fejn il-Kunsill kien għalaq is-sena finanzjarja b'surplus ta' Eur5,187.

Prattikament l-Accountant reġa ta l-istess figuri kif ippreżentat fil-QFR4 bid-differenza li f'dawn l-istqarrijiet finanzjarji beda jqabbel mall-figuri tas-sena ta' qabel jiġifieri tas-sena 2020.

L-Accountant spjega kif jinħadem id-deprezzament on lease assets, liema ċifra kienet tlaħħaq Eur3,950 u d-deprezzament fuq property, plant and equipment liema ċifra kienet tlaħħaq Eur38,419. Irrimarka dwar l-ispiża ta' Eur9,742 relatati ma' talbiet għall-kumpens u l-ispejjeż legali tal-Avukati.

43.7.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras iċċara xi punti fuq dawn l-istqarrijiet finanzjarji għas-sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti. Ikkonkluda li l-Financial Situation Indicator huwa *well above average* kif jixhdu r-rapporti li għadu kif ippreżentalna l-Accountant tal-Kunsill.

43.7.5 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

43.7.6 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-unaudited Financial Statements.

43.7.7 Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji *nem con*.

## 43.8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

43.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-eżitu tal-iskema li kien ħareġ id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy dwar finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing field fejn informa li l-applikazzjoni għall-ammont ta' Eur18,179.91 VAT inkluż.

Is-Sindku informa li l-Kunsill ma ngħatax l-80% skont ma kienet ssemmi ċ-ċirkolari iżda spiċċa ser jieħu 50% differenza ta' madwar Eur10,000.00. Informa li l-Kunsill ma kienx aċċetta li jiġi ffirmat il-*Grant Agreement* proprju minħabba dan il-fatt u kien talab ukoll biex id-Direttorat jirriversja 75% tal-għotja finanzjarja bil-quddiem għaliex is-Sindku ried ikun jaf għaliex il-Kunsill Lokali L-Iklin ma ngħatatlux l-80% tal-ispiża. Informa li kienet intalbet laqgħa fl-immedjat mall-Bord tal-Evalwazzjoni u wara stennija, l-Uffiċċju rċieva risposta xotta u definittiva fejn kienet tgħid li *line item 'rubber flooring' ġie kkunsidrat b'rata fissa u kkalkulata mill-prezz medju fis-suq għal kull proposta sottomessa taħt din l-iskema u l-allokazzjoni tinħadem skont il-marki allokati mill-Bord.*

Is-Sindku Dott. Sciberras ħassu ddiżappuntat li l-Bord tal-Evalwazzjoni jirrifjuta li jiltaqa mall-Kunsill filwaqt li r-risposta waslet mingħajr mistoqsija. Is-Sindku xtaq li jagħmel il-punt tiegħu u jsiru l-kjarifiċi meħtieġa. Madankollu, is-Sindku ikkonkluda li grazzi għall-pożizzjoni tajba finanzjarja li għandu l-Kunsill jista jagħmel tajjeb għal din id-diskrepanza li ser tlaħħaq għal madwar Eur10k. Żied jgħid li l-Kunsill kien diġa ser jassorbi 20% tal-ispiża u ħa ħsieb jinkludi l-proġett fl-estimi finanzjarji tas-sena 2022 però issa l-Kunsill irid jagħmel tajjeb ukoll għal dak id-diskrepanza.

43.8.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet lis-Sindku jekk tista tingħata l-aċċess għad-dokumentazzjoni biex tara ftit il-korrispondenza u taħdem fuqhom u tirrelata lura lill-Kunsill f'qasir żmien.

43.8.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li kien dispjaċut li Kunsill japplika għal skema u tispiċċa toħroġ aktar minn dak ippjanat. Li kieku l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni finanzjarja tajba, dan il-pass ma jkunx jista jsir u l-proġett ikollu jiġi skartat.

43.8.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar iċ-ċerimonja li saret nhar l-10 ta' Frar biswit il-knisja parrokkjali Familja Mqaddsa fejn irringrazzja lill-Kunsillieri u lil dawk preżenti. Kienet esperjenza

sabiħa anke għall-familjari tal-Monsinjur Aquilina li laqgħu bil-ferħ il-*mementos* li ġew ippreparati mill-Kunsill għal din l-okkażjoni.

Ġew inawgurati ismijiet tat-toroq ġodda msemmija għall-Mons. Carmelo Aquilina u l-E.T. Arċisqof Ġiuseppe Mercieca.

Rev. Mons. Carmelo Aquilina kien l-ewwel Rettur tal-Iklin (1995-2005) u l-ewwel Kappillan tal-Iklin (2005-2010). Dun Karm kien innominat bħala l-ewwel Rettur full-time tal-Iklin (15 ta' Awwissu, 1995) fejn garaxx fi Triq Ġużeppi Calleja serva bħala kappella temporanja għaż-żona pastorali li kienet qed tiżviluppa. Dun Karm bħala Rettur full-time beda minnufih jibni ċ-ċentru pastorali, u l-pjan oriġinali tiegħu kien ċentru parrokkjali bi knisja u sala. Mexxa l-bini tal-knisja ddedikata lill-Familja Mqaddsa li nfetħet uffiċjalment mill-Arċisqof Mercieca (kif għedna) fid-19 ta' Marzu, 2002. U meta din il-knisja ngħatat l-istatus ta' parroċċa, il-Kanonku Aquilina nħatar l-ewwel kappillan tagħha (19 ta' Marzu, 2005). Wara dan, inħatar Monsinjur tal-Katidral Metropolitan mill-Arċisqof Mercieca (5 ta' Diċembru, 2006), u fl-2007 offra li jirriżenja imma baqa' Kappillan tal-Iklin fuq talba tal-Arċisqof il-ġdid, Paul Cremona (1946- ). Eventwalment, Dun Karm temm il-missjoni tiegħu bħala Kappillan tal-Iklin fit-28 ta' Novembru, 2010, u warajh inħatar Fr Keith Bonnici.

Fis-16 ta' Ġunju 2000, l-Arċisqof Mercieca ġie l-Iklin għall-ewwel darba fuq żjara uffiċjali għaċ-ċeremonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla taċ-Ċentru Pastorali preżenti fi Pjazza Ninu Cremona. U fid-19 ta' Marzu 2002, l-Arċisqof Mercieca fetaħ iċ-Ċentru Pastorali l-ġdid fi Pjazza Ninu Cremona. Fil-25 ta' Jannar 2003, ħareġ digriet tat-twaqqif taż-Żona Interparrokkjali Awtonoma tal-Iklin mill-15 ta' Frar 2003. Dan kollu wassal biex fl-1 ta' Marzu 2005, l-Arċisqof Mercieca b'digriet ieħor iddikjara l-Iklin Parroċċa mid-19 ta' Marzu 2005.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia faħħret l-organizazzjoni ta' din iċ-ċerimonja u minkejja ċ-ċirkostanzi li ninsabu fihom, il-Kunsill irnexxielu joħloq ċerimonja ħelwa u sinjifikattiva.

43.8.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-President il-ġdid tar-Reġjun Lvant jixtieq jiltaqa mall-Kunsill biex jintroduċi lilu nnifsu u fl-istess waqt tkun opportunità li wieħed jiskambja il-ħsiebijiet u l-idejat b'mod li l-Kunsill Reġjonali Lvant jinkludi fil-ħidma tiegħu issues li huma komuni mall-kumplament tal-Kunsilli l-oħra li jaqgħu taħt l-istess umbrella tar-Reġjun Lvant biex ifassal politika li tkun koerenti ma' dak li jkunu jixtiequ l-Kunsilli Lokali.

Kien hemm qbil unanimu li d-data tal-laqgħa ssir nhar l-24 ta' Frar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali L-Iklin fil-5.30 p.m.

43.8.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Laqgħa Plenarja li kienet ser torganizza l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġiet posposta għal data oħra li għad trid tiġi mħabbra.

## 43.9 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

43.9.1 Ma kienx hemm.

## 43.10 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

43.10.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-11 ta' Jannar u t-tieni ta' Frar 2022 kif jidher fid-dokumenti A u B.

43.10.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 83/22. Talba mir-Reġjun Lvant għall-lista ta' spazji miftuħa fil-lokalità.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant ingaġġa Uffiċċjali ġodda u qed jitlobu informazzjoni dwar il-lokalitajiet. Is-Sindku kompla billi qal li meta kellu taħdidiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-pjanijiet li għandu l-Kunsill għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona u l-għalqa li hemm fi Triq Dott. Pawlu Grech, l-Awtorità tal-Ippjanar se tkun qed tirrikonoxxi Pjazza Ninu Cremona bħala spazju miftuħ.

43.10.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 99/22. Korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar dettal tekniku fis-sistema tal-online permit system.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex se jkunu qed jużaw l-istess online permit system li għandu l-Kunsill Lokali L-Iklin. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jkun qed jagħti rimborż tal-ispejjeż lill-Kunsill Lokali L-Iklin li xtraw din is-sistema peress li l-Kunsill kien minn ta' quddiem biex investa f'din is-sistema li hija waħda effiċjenti. Ikkonkluda li hemm aspett tekniku fis-sistema li se jkun ameljorat biex ċertu dettalji tal-persuna ma jkunux jidhru fuq 'Tow away signs' minħabba l-privatezza tal-persuna.

43.10.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 0130/22. Talba għall-kumpens.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li dan il-każ jinsab f'idejn l-avukati u qed nistennew l-eżitu tad-deċiżjoni.

## 42.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

42.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo.

42.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

42.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' manutenzjoni fuq l-entrata tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur AS Solutions Ltd għall-prezz ta' Eur141.60c VAT inkluż. *Nem con*.

## 42.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

42.8.1 Ma kienx hemm.

## 42.9 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

42.9.1 Skont l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ammendat XXI.1999.3.32; XVI.2009.39; XIV.2019.58. l-Artiklu 70 tal-

Att dwar Kunsilli Lokali, jitlob li tissejjaħ laqgħa tal-lokalità fejn jiġu mistiedna r-residenti kollha li isimhom ikun jidher fir-Reġistru Elettorali biex il-Kunsill Lokali jisma l-vuċi tar-resident biex il-*budget* jitfassal wara li tkun saret konsultazzjoni pubblika mal-istess residenti.

Is-Sindku Dr. Sciberras ippropona d-data tat-3 ta' Frar 2022 issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex tinżamm il-Laqgħa annwali tal-lokalità. *Nem con*.

42.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jipprepara l-avviż u tintbagħat ċirkolari lir-residenti kollha li jirrisiedu fl-Iklin u post il-paġna tal-facebook tal-Kunsill.

42.9.3 Kien deċiż unanimament li l-laqgħa tal-lokalità tinżamm fis-Sala tal-Kunsill fi Triq Dr. L. F. Mizzi nhar il-Ħamis, 3 ta' Frar 2022 fis-6.00 p.m. filwaqt li ser jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji skont l-istandards maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika.

**42.10 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2021**

41.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipal u tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u cioè l-massimu ta' 6%.

Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

**42.11 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2021**

42.11.1 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-

approvazzjoni tal-Kunsill.

42.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja x-xogħol li wettaq is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2021 u ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u fejn kien deċiż mill-Kunsillieri preżenti l-massimu cioè10%.

42.11.3 Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

**(Ara dok. F)**

**42.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' INCREMENT TAL-IMPJEGATA FIL-GRAD TA' UFFIĊĊJAL EŻEKUTTIV FI SKALA 13.**

42.12.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien approva il-massimu ta' 6% Performance Bonus lill-Uffiċċjal Eżekuttiv, jidher evidenti li l-livell ta' performance huwa wieħed sodisfaċenti.

42.12.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-preżenti li skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Riżorsi Umani, kull impjegat li ma jkunx fil-massimu tal-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal *increment* kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala.

42.12.3 Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill wara li ġiet evalwata l-ħidma biex l-Uffiċċjal Eżekuttiv titla fis-sitt *notch* tal-iskala.

42.12.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japprova l-*increment*.

42.12.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

**42.13 SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2022**

42.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta *briefing* dwar l-iskema li nieda d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy lejn l-aħħar tas-sena 2021 fejn qed jistieden lill-Kunsilli Lokali biex jissottomettu proposti għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2022.

42.13.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras qal li tkun ħaġa sabiħa li fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha nippruvaw inwasslu messaġġ ta' tama lill-komunità tal-Iklin sakemm l-attività proposta tkun COVID-19 friendly. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni u ressaq ideja lis-sotto-kumitat tal-kultura biex jaħdem fuq attivitajiet online bħal kompetizzjoni tal-fotografija/tpinġija, u forsi jkunu jistgħu isiru laqgħat mal-esperti dwar suġġetti li jitrattaw fuq l-ambjent u n-natura permezz ta' Microsoft Teams jew mezzi oħra.

Wara diskussjoni, żvolġiet l-ideja li tittella *infiorata* fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona fejn minħabba r-restrizzjonijiet u l-protokolli *in vigore*, il-konċentrazzjoni tal-attività kulturali għandha tkun esibizzjoni ta' xitel tal-petunia li ssir fix-xhar sabiħ ta' Mejju. Is-Sindku saħaq li din l-attività kulturali bit-tema 'Festa Fjuri' oriġinat fl-Iklin u għalhekk irridu naħdmu biex dak li welled il-Kunsill snin ilu nibqgħu naħdmu fuqu u nsaħħuħ.

Kien hemm qbil ukoll li din l-*infiorata* tkun qed tittella fuq perjodu ta' erbat ijiem mill-Ħamis sal-Ħadd biex il-komunità tal-Iklin u viżitaturi oħra jkunu jistgħu igawdu dan l-ispazju miftuħ li jiġi trasformat f'ambjent sabiħ bil-fjuri u fejn il-viżitaturi jistgħu jammiraw disinn maħdum bix-xitel tal-petunia.

B'dan il-mod, il-Kunsill ma jkunx qed jattira lill-pubbliku f'ħin wieħed għaliex mhux se jkun hemm programm tal-attivita'. Il-viżitaturi jkunu jistgħu jiġu mall-ħin tal-ġurnata. L-attività kulturali tista tieħu l-istess isem bħal ma sar f'edizzjonijiet passati 'Festa Fjuri' iżda tkun ridotta għal *infiorata*.

Żied jgħid li l-Kunsill ikun jista jitkellem ma' fornitur lokali dwar il-possibiltà li minbarra x-xitel li jkun jista jitqassam fl-aħħar tal-attività, il-Kunsill jagħmel distribuzzjoni ta' żerriegħa lill-komunità tal-Iklin.

42.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li *deadline* tal-applikazzjoni kienet tagħlaq nhar is-26 ta' Jannar filwaqt li ppropona li l-Kunsill jista jsejjaħ laqgħa mal-Uffiċċjal Kulturali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant biex niskambjaw l-idejat u min-naħa tagħha toffri l-*input* professjonali tagħha meta l-Kunsill jiġi biex jissottometti l-applikazzjoni.

42.13.4 Is-Sindku Dott. Sciberras talab lill-Kunsillieri responsabbli mill-qasam tal-kultura biex jiffissaw laqgħa fl-immedjat biex il-Kunsill ikun jista jonora *deadline*.

42.13.5 Il-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia se jkunu qed jikkordinaw mas-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdmu fuq il-loġistika.

42.13.6 Fuq l-aspett finanzjarju, is-Sindku Dott. Sciberras qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill ma jserraħx fuq entitajiet oħra biex jakkwista x-xitel iżda grazzi għal din l-opportunità li qed iniedi d-Direttorat, inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi biex inkunu nistgħu nużaw il-fondi speċifikament biex isir l-akkwist tax-xitel wara li jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

42.13.7 Wara diskussjoni wiesgħa, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex japplika għal din l-iskema. L-attività kulturali tkun tista ssir suġġett li l-Kunsill jottjeni l-permess mingħand l-Awtorità tas-Saħħa Pubblika.

42.13.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.14 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

42.14.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar miżuri ta' sigurtà fit-toroq tal-Iklin. Informa li kien avviċinat minn residenti li jkunu qed jgħaddu bir-riġel fil-parti ta' fuq tal-Iklin, preċiżament fi Triq il-Ħwawar fejn l-imsemmija triq tidjieq b'mod li vetturi mhux suppost jaċċessaw din it-trejqa b'ċertu veloċità. Però l-periklu qiegħed u jeħtieġ li jsir xi ħaġa fil-konkret.

Barra minn hekk, għad hemm min qiegħed jabbuża u jgħaddi kontra l-one-way. L-infurzar ma jistax ikun 24/7 f'din it-triq u għaldaqstant il-Kunsill jista jikkunsidra li jimplimenta (2) speed humps fil-parti kruċjali tal-imsemmija triq jew aħjar sqaq.

42.14.2 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipprepara talba formali lill-Awtorità kompetenti għall-approvazzjoni ta' (2) speed humps.

42.14.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni u l-awtorizazzjoni tax-xiri tal-imsemmija *speed humps*.

42.14.4 Il-Kunsill approva unanimament suġġett li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tapprova t-talba.

42.14.5 Ġie diskuss ukoll l-ispazju miftuħ fi Triq Dun Karm k/m Triq in-Naxxar fejn xi residenti qed jilmentaw li qed isir abbuż mill-parkeġġi u għaldaqstant qed jitlolbu lill-Kunsill biex jiġu organizzati *line markings*.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Perit kien ħejja disinn għal dan l-isapzju miftuħ fejn id-disinn kien jipprovdi *soft landscaping* (proposed orange grove) u spazju għall-parkeġġi biex tingħata dehra isbaħ u l-parkeġġ ikun wieħed organizzat.

42.14.6 Wara diskussjoni, kien deċiż li d-disinn propost jiġi ċċirkolat lill-Kunsillieri biex jarawh u dan l-item jerġa jiġi diskuss f'seduta.

42.14.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien qed jirċievi numru ta' talbiet dwar l-implimentazzjoni ta' traffic mirrors f'diversi toroq fil-lokalità. Semma li hemm talbiet pendenti għaliex uħud minn dawn it-talbiet qed isiru minn persuni individwali. Żied jgħid li f'ċertu sitwazzjonijiet, il-Kunsill irid jitratta dawn it-talbiet każ b'każ għaliex jekk jeżisti element ta' periklu, ma nistgħux ma tittieħidx xi forma ta' azzjoni. Fir-rigward tat-talba li għandna minn resident li jirrisiedi fi Triq il-Wied, tfaċċat diffikultà wara li sar il-proġett ta' Triq il-Wied fejn l-Aġenzija Infrastructure Malta organizzat *line markings* fi Triq il-Wied u l-vetturi pparkajti qed joħolqu ostaklu għal min ikun ħiereġ minn *drive-in*.

Imbagħad is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jagħtu l-veduti tagħhom dwar dan is-suġġett.

42.14.8 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta li hu kien jaqbel li t-talbiet jiġu kkunsidrati każ b'każ u jekk l-individwu qed jiffaċċja diffikultà kull darba li jiġi biex joħroġ mill-garage, il-Kunsill irid jifhem li jeżisti periklu u anke jekk l-immaniġġjar tat-traffiku li jkun ser jiġi mplimentat ma jkunx qed isir biex jinqeda kulħadd, xorta waħda l-Kunsill għandu jara kif jelimina kull periklu.

42.14.9 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ukoll għamel il-kumment tiegħu dwar dawn it-talbiet u qal li fil-prinċipju jaqbel li l-Kunsill għandu jwettaq jew jattwa immaniġġjar tat-traffiku li jgawdi minnu kulħadd dak li jissejjaħ il-ġid komuni. Iżda ikkonkluda li f'ċertu istanzi, il-livell ta' periklu f'ċertu toroq huwa ferm akbar minn toroq oħra residenzjali fl-Iklin u għaldaqstant dawn it-talbiet għandu jiġu kkunsidrati każ b'każ.

42.14.10 Wara diskussjoni, kien deċiż b'mod unanimu biex il-Kunsill jagħmel talba formali lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jiġu kkunsidrati t-talbiet għall-implimentazzjoni ta' *traffic mirrors* fi Triq il-Wied, u Triq Ġeronimo Abos.

**42.15 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

42.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2022 fil-5.30 p.m.

42.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2022 fil-5.30 pm.

42.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.55 p.m.

IFFIRMAT

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

IFFIRMAT

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv